**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
(Spett.Bernard C. Spiteri)

Vs

**Radley Agius**
(K.I. 50983M)

**Barclay Vella**
(K.I. 102693M)

**Illum, 24 ta' Mejju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Radley Agius** ta' 39 sena, iben Francis u Martina neè Scerri, imwieled il-Pietà nhar it-30 ta' Diċembru 1982, u residenti 18, Fuq Verdala, Bormla detentur tal-karta tal-identità bin-numru 50983M u kontra **Barclay Vella**, ta' 29 sena, iben David u Virginia neè Buħagiar, imwieled il-Pietà, nhar is-26 ta' Frar 1993, u residenti fi 37, Flat 3, Triq il-Gendus, Bormla, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 102693M u akkużati talli f' dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' April 2022, għall-ħabta ta' bejn is-07:30hrs u t-08:00hrs, minn ġewwa Triq Bir tal-Franċiżi, fix-Xewkija, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Ikkommettejtu serq aggravat ta' diversi parts ta' vetturi bil-magni (*car parts*), għad-dannu ta' Michael Vella u/jew persuni/entitajiet oħrajn, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, u/jew f'dawn il-Gżejjer, xjentement ilqajtu għandkom jew xtrajtu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indħaltu biex tbiegħuhom jew tmexxuhom, u ċioè diversi parts ta' vetturi bil-magni (*car parts*), proprjeta ta' Michael Vella u/jew persuni/entitajiet oħrajn;

U **Radley Agius** Biss akkużat talli fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, f'dawn il-Gżejjer:

3. Soqt vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni LDC527 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vettura;

4. soqt vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni LDC527 mingħajr ma kont kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

Il-qorti kienet mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis li l Radley Agius u Barclay Vella bħala reċidivi;

Il-qorti il-qorti kienet mitluba wkoll biex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja ta' red li agius għal żmien l-istess qorti jidhrilha li huwa xieraq

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u fid-dawl ta’ din l-ammissjoni il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħataw żmien xieraq sabiex, jekk iridu, jerġgħu lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużati jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa sa dan l-istadju jirriżulta illi ċerta Joan Vella, oħt id-derubat Michael Vella, lemħet lill-akkużati jgħabbu xi magni u ħadid għal fuq it-trukk li kienu biħ, liema magni u ħadid kienu propjetà ta' l-imsemmi Michael Vella. Meta kelmithom huma qalulha li Michael kien jaf bihom iżda meta kellmitu hu qalilha li ma kien jaf b'xejn. Sadanittant l-akkużat laħqu telqu minn fuq il-post u l-istess Joan Vella marret tagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija tal-Port tal-Imġarr. Hemmhekk, il-pulizija flimkien magħha marru jiċċekkjaw il-*marshalling area* tal-Vapur tal-Gozo Channel Ltd u lemħu l-vann bl-akkużati fih. Sadanittant, Michael Vella mar jiċċekkja l-affarijiet li ttieħdu u kkonferma li dawk il-magni u l-ħadid kienu tiegħu. Il-pulizija arrestaw lill-akkużati u tawhom id-drittijiet legali kollha tagħhom u komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużati ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi l-akkużati ġew akkużati kemm bir-reat ta' serq fl-ewwel akkuża kif ukoll bir-reat ta' riċettazzjoni fit-tieni akkuża. Illi l-ġurisprudenza hija paċifika illi dawn ir-reati huma alternattivi għal xulxin u b'hekk persuna li tinstab ħatja ta' serq ma tistax, fuq l-istess fatti u ċirkostanzi, tinstab ħatja ta' riċettazzjoni wkoll. B'hekk abbażi tal-fatti kif miġjuba quddiemha, il-Qorti ser issib lill-akkużati ħatja tar-reat ta' serq filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom, ossija dik ta' riċettazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi dan kien inċident uniku u li l-akkużat ħasbu li dawn il-magni u ħadid kienu mitluqa u mormija. Semgħet kif l-akkużati ġabruhom biex ibiegħuhom għal *scrap metal*. Illi l-akkużat ammettew l-

involviment tagħhom mal-ewwel mal-pulizija u kkowoperaw bis-sħiħ. Huma rritornaw l-oġġetti kollha li serqu lura lil sidhom mal-ewwel. L-akkużati ammettew ukoll fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Illi minkejja dan l-inċident, l-akkużati għandhom ħajja stabbli u xogħol fiss.

Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti temmen li l-akkużati għandu bżonn direzzjoni dwar kif għanhom imexxu ħajjithom f'konformità mal-liġi u kif jistgħu ikunu membri validi li jikkontribwixxu lejn is-soċjetà. Il-Qorti tqis li b'hekk, piena karċerarja effettiva m'hijiex desiderabbli u jkun ta' aktar ġid għalihom jekk jingħataw gwida u direzzjoni *long term.*

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ); 267, 279(b) u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom, qed issib lil **Radley Agius** u **Barclay Vella** **<u>ħatja</u>** tal-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom u qed tasjtjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom stante li din hija alternattiva għall-ewwel akkuża;

Inoltre, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Radley Agius** **<u>ħati</u>** tat-tielet u r-raba' akkuża dedotti kontra tiegħu;

Illi b'hekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tqiegħed lill-akkużati **Radley Agius** u **Barclay Vella** taħt Ordni ta' *Probation* għal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Inoltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2)(a) u (2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lil **Radley Agius** **<u>waħdu</u>** għal multa komplessiva ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u qed tiskwalifikaħ milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax(12)-il xahar mid-data tal-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkużati, ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu ta' *probation* jew jekk ma joqgħodux għall-ordnijiet lilhom mogħtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lid-Direttur ta' Transport Malta.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**